



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

tad-19 ta' ġunju 2019\*

“Appell – Rikors għal annullament – Komunikazzjoni tar-rikors permezz tal-faks – Preżentata wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tal-oriġinal tar-rikors fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali – Dewmien fil-kunsinna tal-posta – Kunċett ta’ ‘forza maġġuri jew ta’ każ fortuwit”

Fil-Kawża C-660/17 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fl-24 ta' Novembru 2017,

**RF**, stabbilita fi Gdynia (il-Polonja), irrapreżentata minn K. Komar-Komarowski, radca prawny,

appellant,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrapreżentata minn J. Szczodrowski, G. Meessen u I. Rogalski, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, C. Toader, A. Rosas (Relatur), L. Bay Larsen u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2019,

tagħti l-preżenti

### Sentenza

- <sup>1</sup> Permezz tal-appell tagħha, RF titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Settembru 2017, RF vs Il-Kummissjoni (T-880/16, mhux ippubblikat, iktar 'il quddiem id-“digriet appellat”, EU:T:2017:647), li permezz tiegħu din tal-aħħar ċaħdet bħala inammissibbi

\* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

r-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 5925 final tal-15 ta' Settembru 2016 li tiċħad l-ilment fil-Każ COMP AT.40251 – Trasport bil-ferrovija, ġarr ta' merkanzija (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kontenjuža”).

## Il-kuntest ġuridiku

### *L-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

- 2 Taħt it-Titolu III, intitolat “Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja”, l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jipprovdi:

“Ir-Regoli tal-Proċedura jistabbilixxi perijodi ta’ grazza fuq konsiderazzjonijiet ta’ distanza.

Ebda dritt ma jintilef bħala riżultat ta’ l-iskadenza tat-termini, jekk il-parti interessata tiprova l-eżistenza ta’ każ fortuwitu jew ta’ forza maġġuri.”

- 3 Taħt it-Titolu IV ta’ dan l-istatut, li jirrigwarda l-Qorti Ġenerali, l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 53 tal-imsemmi statut jipprovdu:

“Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tīgħi regolata bit-Titolu III.

Il-Proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tīgħi precizata u kompletata, safejn ikun meħtieġ, mir-Regoli tal-Proċedura. [...]”

### *Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali*

- 4 It-tielet titolu, intitolat “Fuq ir-Rikorsi Diretti”, tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta’ Marzu 2015 (ĠU 2015, L 105, p. 1), li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2015, jinkludi l-Kapitolu I, li huwa intitolat “Dispożizzjonijiet Ġenerali”. Dan il-kapitolu huwa subdiviż fħames taqsimiet, u r-raba’ waħda fosthom, li tirrigwarda t-termini, tinkludi l-Artikoli 58 sa 62 ta’ dawn ir-regoli.

- 5 L-Artikolu 58 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li jirrigwarda l-kalkolu tat-termini, jipprovdi:

“1. It-termini proċedurali previsti fit-Trattati, fl-Istatut u f’dawn ir-Regoli għandhom jiġu kkalkolati kif ġej:

[...]

b) terminu espress [...] f’xhur [...] għandu jiiskadi mat-tmiem tal-jum li, [...] fl-aħħar xahar [...], ikollu l-istess isem jew l-istess numru bħall-jum li matulu seħħ l-avveniment jew twettaq l-att li minnu għandu jiġi kkalkolat it-terminu; jekk, fil-każ ta’ terminu espress f’xhur [...], il-jum stabbilit għall-iskadenza ta’ dan it-terminu ma jinżertax fl-aħħar xahar, it-terminu għandu jiiskadi mat-tmiem tal-aħħar jum ta’ dan ix-xahar;

[...]"

- 6 L-Artikolu 60 ta’ dawn ir-regoli, intitolat “Terminu għal raġuni ta’ distanza”, jipprovdi:

“It-termini proċedurali għandhom jiżdiedu b’terminu fiss ta’ għaxart ijiem għal raġuni ta’ distanza.”

- 7 L-Artikolu 73 tal-istess regoli, intitolat “Preżentata fir-Reġistru ta’ att proċedurali fuq karta”, jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

“B’deroga mit-tieni sentenza tal-Artikolu 72(2), id-data u s-siegħa li fihom kopja kompleta tal-oriġinal iffirmat ta’ att proċedurali, [...] tasal fir-Reġistru permezz ta’ faks, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-osservanza tat-termini proċedurali jekk l-oriġinal iffirmat tal-att [...] jiġi ppreżentat fir-Reġistru sa mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara. L-Artikolu 60 ma huwiex applikabbli għal dan it-terminu ta’ għaxart ijiem.”

- 8 Dan l-Artikolu 73 tħassar bl-emendi għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta’ Lulju 2018 (ĠU 2018, L 240, p. 68), li permezz tagħhom l-użu tal-applikazzjoni tal-informatika “e-Curia” sar obbligatorju għall-preżentata ta’ atti proċedurali.
- 9 Skont l-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, meta rikors ikun manifestament inammissibbli, il-Qorti Ġenerali tista’, f’kull ħin, mingħajr ma tkompli l-proċedura, tiddeċiedi li taqt’ l-kawża permezz ta’ digriet motivat.

### ***Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-regoli tal-proċedura tal-Qorti Ġenerali***

- 10 Taħt il-parti III.A.2, li tirrigwarda l-preżentata ta’ atti proċedurali u l-annessi tagħhom permezz ta’ faks, il-punti 79 sa 81 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-regoli tal-proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja (ĠU 2015, L 152, p. 1) jipprovd़u:

“79. Id-data tal-preżentata ta’ att proċedurali permezz ta’ faks għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-osservanza ta’ terminu biss fil-każ li d-dokument oriġinali ffirmat bl-idejn mir-rappreżtant, li kien is-suġġett tat-trażmissjoni permezz ta’ faks, jiġi ppreżentat fir-Reġistru mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara, kif previst fl-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

80. Id-dokument oriġinali ffirmat bl-idejn mir-rappreżtant għandu jintbagħat mingħajr dewmien, immedjatamente wara li jintbagħat permezz ta’ faks, mingħajr ma jsirulu korrezzjonijiet jew emendi, lanqas dawk minuri.

81. Fil-każ ta’ differenza bejn id-dokument oriġinali ffirmat bl-idejn mir-rappreżtant u l-kopja li tkun waslet preċedentement fir-Reġistru permezz ta’ faks, id-data li tittieħed inkunsiderazzjoni għandha tkun dik tal-preżentata ta’ dan id-dokument oriġinali ffirmat.”

### ***Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-digriet appellat***

- 11 Billi r-rikors ta’ RF huwa rikors għal annullament, dan kellu, konformément mas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jiġi ppreżentat f’terminu ta’ xahrejn dekorribbli, skont il-każ, mill-pubblikkazzjoni tad-deċiżjoni li kontra tagħha r-rikors huwa indirizzat, min-notifika tagħha jew mill-jum li fih RF saret taf biha.
- 12 F’dan il-każ, id-deċiżjoni kontenzjuża ġiet innotifikata lil RF fid-19 ta’ Settembru 2016. It-terminu għall-preżentata ta’ rikors ta’ xahrejn, miżjud bit-terminu tad-distanza ta’ għaxart ijiem previst fl-Artikolu 60 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kien jiskadi għalhekk fid-29 ta’ Novembru 2016 f’nofsillexl.
- 13 Fit-18 ta’ Novembru 2016, RF bagħtet lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, permezz ta’ faks, ir-rikors għal annullament. Madankollu, l-oriġinal iffirmat ta’ dan id-dokument wasal fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali biss fil-5 ta’ Diċembru 2016, jiġifieri wara l-iskadenza tat-terminu ta’ għaxart ijiem dekorribbli minn meta ġiet irċevuta l-faks, previst fl-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

- 14 B'ittri tal-20 ta' Diċembru 2016, tas-7 ta' Marzu 2017 u tad-19 ta' Ġunju 2017, ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali talab lill-appellanti informazzjoni dwar id-data li fiha d-deċiżjoni kontenzenjuža ġiet ikkomunikata lilha u spjegazzjonijiet dwar il-preżentata tardiva tar-rikors.
- 15 B'ittri tat-28 ta' Diċembru 2016, tat-28 ta' April 2017 u tas-27 ta' Ġunju 2017, l-appellanti pprovdiet l-ispjegazzjonijiet mitluba.
- 16 B'mod partikolari, fl-ittra tagħha tat-28 ta' Diċembru 2016, RF sostniet li r-rikors fuq karta ntbagħat fl-istess jum li dan intbagħat lill-Qorti Ġenerali b'faks u, għalhekk, l-iktar kmieni possibbli fil-kuntest ta' din id-data tal-aħħar. Skont l-appellant, kien raġonevoli li wieħed iqis li r-rikors fuq karta kellu jasal għand il-Qorti Ġenerali qabel l-iskadenza tat-terminu ta' għaxart ijiem. Il-fatt li l-Qorti Ġenerali rċevietu biss fil-5 ta' Diċembru 2016 kellu jitqies bħala li kien dewmien eċċeżzjonal, skont l-Artikolu 45(2), moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li t-terminu ta' għaxart ijiem tqies ukoll li huwa raġonevoli kemm mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali kif ukoll mid-dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni ta' dawn ir-regoli ta' proċedura (punt 80). RF ikkonkludiet li r-rikors kellu jitqies bħala li ġie ppreżentat fit-terminu.
- 17 Fl-ittra tagħha tas-27 ta' Ġunju 2017, RF bagħtet id-dokumenti li juru li l-pakkett li kien jinkludi l-oriġinal iffirmat tar-rikors kien ngħata lill-Poczta Polska, l-operatur postali prinċipali fil-Polonja, fit-18 ta' Novembru 2016. Dan il-fatt jikkonferma li RF eżercit id-diliġenza meħtieġa sabiex tippreżenta r-rikors fuq karta fit-terminu ta' għaxart ijiem dekorribbli mill-komunikazzjoni tiegħu bil-faks. Il-fatt li l-pakkett kien għadu fil-Polonja fit-2 ta' Diċembru 2016 u ġie kkunsinnat lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali biss fil-5 ta' Diċembru 2016, jiġifieri 17-il jum wara li ntbagħtet il-faks, ma huwiex imputabbli lilha.
- 18 F'din l-ittra, RF enfasizzat ukoll li t-trażmissjoni tar-rikors fuq karta ġiet fdata lil Poczta Polska minħabba garanziji mogħtija minn dan l-operatur pubbliku. Barra minn hekk, RF osservat li, mill-mument li hija għaddiet il-pakkett li kien jinkludi fih ir-rikors, dan kien kompletament barra mill-kontroll tagħha.
- 19 Wara li fakkret, fil-punt 15 tad-digriet appellat, in-natura ta' ordni pubbliku tat-termini għall-preżentata ta' rikors previsti fl-Artikolu 263 TFUE, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 16 tal-imsemmi digriet, li ma humiex possibbli derogi minn dawn it-termini ħlief fċirkustanzi kompletament eċċeżzjonal ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri.
- 20 Fil-punti 17 u 18 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċetti ta' "forza maġġuri" jew ta' "każ fortuwitu" jinvolvu element oġġettiv, marbut maċ-ċirkustanzi anormali u estranji għall-appellant, u element suġġettiv marbut mal-obbligu, tagħha, li tkun ippreparata kontra l-konsegwenzi ta' avveniment anormali billi tieħu miżuri xierqa mingħajr ma tagħmel sagrifċċiċċi eċċessivi. B'mod partikolari, l-appellant għandha tosserva bir-reqqa l-iżvolġiment tal-proċedura mibdija u, partikolarmen, tkun diliġenti sabiex tosserva t-termini previsti. B'dan il-mod, il-kunċetti ta' "forza maġġuri" u ta' "każ fortuwitu" ma japplikawx għal sitwazzjoni fejn persuna diliġenti u avżata kienet oġġettivament f'pożizzjoni li tevita l-iskadenza ta' terminu għall-preżentata ta' rikors.
- 21 Il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fil-punt 19 tal-imsemmi digriet, li, sabiex jiġi kklassifikat bħala "każ fortuwitu" jew "forza maġġuri", avveniment għandu jkun ta' natura inevitabbli, b'tali mod li dan l-avveniment isir il-kawża determinanti tad-dekadenza.
- 22 Fil-punt 20 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali qieset li l-fatt li l-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha jipprevedi terminu ta' għaxart ijiem ma jimplikax li t-twassil tal-posta li tinkludi l-oriġinal iffirmat tar-rikors f'terminu li jeċċedi għaxart ijiem jikkostitwixxi każ fortuwitu jew forza maġġuri. Fil-punt 21 ta' dan id-digriet, hija enfasizzat li s-sempliċi dewmien fit-twassil tal-posta,

mingħajr ebda ċirkustanzi partikolari oħra, bħal nuqqas ta' funzionament amministrattiv, diżastru naturali jew strajk, ma jistax jikkostitwixxi, fih innifsu, każ fortuwit u jaġi ta' forza maġġuri li minnu l-appellanti ma setgħetx tipproteġi ruħha.

- 23 Fil-punt 26 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġeneral kkonstatat li l-appellanti sempliċement indikat, bi tweġiba għal talba għal informazzjoni mill-Qorti Ġeneral, minn naħħa, li hija kienet bagħtet il-pakkett li kien fih l-oriġinal iffirms tar-rikors b'posta rreġistrata bil-konferma tal-wasla tagħha u, min-naħħa l-oħra, li, fid-dawl tal-ħarfiem tagħha, hija kienet qieset li, normalment, id-dokument mibgħut kellu jasal fir-Reġistru tal-Qorti Ġeneral qabel l-iskadenza tat-terminu ta' għaxart ijiem. Il-Qorti Ġeneral qieset li, filwaqt li kienet ir-responsabbiltà tagħha li tissorvelja bir-reqqa l-proċedura tat-twassil tal-posta, l-appellanti ma ressjet ebda prova f'dan ir-rigward.
- 24 Barra minn hekk, il-Qorti Ġeneral rrilevat, fil-punt 27 tal-imsemmi digriet, li RF ma kienet invokat ebda ċirkustanza partikolari oħra, bħal nuqqas ta' funzionament amministrattiv, diżastru naturali jew strajk.
- 25 Fil-punt 28 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġeneral kkonstatat għalhekk li l-appellanti ma kinitx ġabett il-prova, imposta fuqha, li t-tul taż-żmien tat-twassil tal-posta kien il-kawża determinanti tad-dekadenza, fis-sens li dan kien avveniment ta' natura inevitabbi li minnu l-appellanti ma setgħetx tipproteġi ruħha.
- 26 Il-Qorti Ġeneral kkonkludiet, fil-punt 29 ta' dan id-digriet, li RF ma kinitx stabbilixxiet l-eżistenza ta' każ fortuwit jew ta' forza maġġuri f'dan il-każ u, konsegwentement, ċaħdet ir-rikors għal annullament bħala manifestament inammissibbli.

### **It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

- 27 RF titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:
- tannulla d-digriet appellat u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġeneral sabiex teżaminaha mill-ġdid u tadotta deċiżjoni fil-mertu, li tista' tiġi appellata;
  - fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis li l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' deċiżjoni definitiva f'din il-kawża huma ssodisfatti, tannulla d-digriet appellat u tilqa', fl-intier tagħhom, it-talbiet imressqa fl-ewwel istanza;
  - tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.
- 28 RF titlob ukoll li jiġu ammessi ċerti dokumenti bħala provi ġoddha.
- 29 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:
- tiċħad l-appell;
  - tikkundanna lil RF għall-ispejjeż.

### **Fuq it-talba sabiex jiġu ammessi provi ġoddha**

- 30 It-talba sabiex jiġu ammessi provi ġoddha għandha tiġi miċħuda. Fil-fatt, konformément mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell huwa limitat għal punti ta' dritt, bl-eskużjoni ta' kull evalwazzjoni ta' fatti, b'mod li provi ġoddha huma inammissibbli fl-istadju ta' appell (ara, f'dan is-sens,

is-sentenza tal-14 ta' Settembru 1995, Henrichs vs Il-Kummissjoni, C-396/93 P, EU:C:1995:280, punt 14, u d-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Jannar 2008, Provincia di Ascoli Piceno u Comune di Monte Urano vs Apache Footwear *et*, C-464/07 P(I), mhux ippubblikat, EU:C:2008:49, punt 12).

## Fuq l-appell

- 31 RF tqajjem erba' aggravji insostenn tal-appell tagħha.

## Fuq l-ewwel u t-tieni aggravju

### L-argumenti tal-partijiet

- 32 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 45 u 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, RF tikkritika lill-Qorti Ġeneral li żbaljat meta assimilat, fil-punti 17 sa 22 tad-digriet appellat, il-kunċett ta' "forza maġġuri" ma' dak ta' "każ fortuwit". Filwaqt li tirreferi għall-punt 22 tad-digriet tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Għesina vs Il-Kummissjoni (C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256), RF tfakkar li t-terminu tad-distanza ta' għaxart ijiem previst fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral jikkorrispondi għat-trapass taż-żmien li fiha kull posta, li toriġina minn kwalunkwe post fl-Unjoni, għandha normalment tkun tista' tasal fir-Reġistru tal-Qorti Ġeneral, mingħajr ma jista' jiġi eskluż li dan it-trapass taż-żmien jinqabeż. Minn dan hija tikkonkludi li l-iskadenza ta' dan it-terminu għal raġunijiet imputabbi lill-operatur postali taqa' b'mod inkontestabbli taħt il-każ fortuwit, jiġifieri ċirkustanzi imprevedibbli.
- 33 Dan l-argument huwa kkonfortat mill-punt 80 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-regoli tal-proċedura tal-Qorti Ġeneral, li jipprovdi li d-dokument oriġinali bil-firma tar-rappreżentant għandu jintbagħat mingħajr dewmien, immedjatament wara li jintbagħat bil-faks.
- 34 Fl-aħħar nett, RF issostni li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "każ fortuwit" mogħtija mill-Qorti Ġeneral fid-digriet appellat toħloq diskriminazzjoni, peress li parti ddomiċiljata fil-Polonja ma tistax tibbenfika minn regola li tippermetti lill-partijiet b'residenza ġeografikament 'il bogħod mis-sede tal-Qorti Ġeneral li jibagħtu rikors b'faks. Fil-fatt, għal dawn il-partijiet, sa fejn l-oriġinal iffirmat jista' jasal għand il-Qorti Ġeneral wara l-iskadenza tat-terminu ta' għaxart ijiem, ma jkun hemm ebda utilità għalihom li jibagħtu r-rikors b'faks. Issa, dawn ma jistgħux ikunu meħtieġa li jmorru jippreżentaw ir-rikors tagħhom personalment fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali.
- 35 Bit-tieni aggravju tagħha, RF tqis li l-Qorti Ġeneral kisret l-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura, sa fejn qieset li r-rikors kien manifestament inammissibbli.
- 36 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza ta' dawn l-aggravji.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 37 Għandu jiġi kkonstatat li, skont ġurisprudenza stabbilita dwar l-osservanza tat-termini għall-preżentata ta' rikors, il-kunċetti ta' "każ fortuwit" u ta' "forza maġġuri" jinkludu l-istess elementi u għandhom l-istess konsegwenzi ġuridiċi. Il-Qorti Ġeneral ma wettqitx żball ta' liġi meta fakkret, fil-punti 17 tad-digriet appellat, li dawn il-kunċetti jinkludu element oġġettiv, marbut maċ-ċirkustanzi anormali u estranji għall-appellant, u element suġġettiv marbut mal-obbligu, tagħha, li tipproteġi ruħha mill-konsegwenzi tal-avveniment anormali billi tieħu miżuri xierqa mingħajr ma tagħmel sagħrifċċi eċċessivi (sentenza tal-15 ta' Diċembru 1994, Bayer vs Il-Kummissjoni, C-195/91 P, EU:C:1994:412,

punt 32; digrieti tat-8 ta' Novembru 2007, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-242/07 P, EU:C:2007:672, punt 17; u tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Għesina vs Il-Kummissjoni, C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256, punt 19).

- 38 Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-appellanti għandha tissorvelja bir-reqqa l-iżvolġiment tal-proċedura mibdija u, b'mod partikolari, għandha tagħti prova ta' diliġenza sabiex tosserva t-termini previsti (sentenza tal-15 ta' Diċembru 1994, Bayer vs Il-Kummissjoni, C-195/91 P, EU:C:1994:412, punt 32; digrieti tat-8 ta' Novembru 2007, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-242/07 P, EU:C:2007:672, punt 17, u tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Għesina vs Il-Kummissjoni, C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256, punt 19), u li l-kunċetti ta' "każ fortuwit" u ta' "forza maġġuri" ma japplikawx għal sitwazzjoni fejn persuna diliġenti u avżata tkun oġġettivament f'pożizzjoni li tevita l-iskadenza ta' terminu għall-preżentata ta' rikors (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 1984, Ferriera Valsabbia vs Il-Kummissjoni, 209/83, EU:C:1984:274, punt 22, u d-digriet tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Għesina vs Il-Kummissjoni, C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256, punt 20).
- 39 Issa, f'dan il-każ, l-appellant sempliċement tafferma li l-iskadenza tat-terminu tad-distanza ta' għaxart ijiem previst mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali kienet dovuta għal raġunijiet imputabbi lill-operatur postali, mingħajr ma ġabet prova, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 71 tal-konklużjonijiet tiegħu, li hija kienet ħadet il-miżuri xierqa kollha sabiex tipproteġi ruħha minn tali avveniment, billi l-fatt li bagħtet l-oriġinal iffirms immedjatamente wara l-komunikazzjoni tal-kopja bil-faks kien biss miżura waħda fost dawk li hija kellha tieħu għal dan l-iskop.
- 40 Tali konklużjoni hija sostnuta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tipprovdli li l-fatt li r-Regoli tal-Proċedura jipprevedu terminu fiss ta' għaxart ijiem sabiex jintbagħat l-oriġinal wara li dan ikun ġie kkomunikat elettronikament ma jimplikax li t-twassil tal-posta fi żmien itwal minn għaxart ijiem jikkostitwixxi każ fortuwit jew ta' forza maġġuri. Bħaqqa terminu tad-distanza fiss previst fl-Artikolu 60 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, it-terminu ta' għaxart ijiem li jinsab fl-Artikolu 73(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni distanzi itwal jew iqsar li għandhom jiġi koperti u l-ħeffa li tvarja tal-operaturi postali. B'hekk, dan it-terminu ma jikkorrispondix għaż-żmien massimu għarantit sabiex titwassal il-posta, iżda għat-trapass taż-żmien li fiha kull posta, li toriġina minn kwalunkwe post fl-Unjoni, għandha normalment tkun tista' tasal fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, mingħajr ma jista' jiġi eskluż li dan it-trapass ta' żmien jinqabeż (ara, b'analoġija, id-digriet tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Għesina vs Il-Kummissjoni, C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256, punt 22).
- 41 B'mod kuntrarju għal dak li l-appellant ssostni, terminu għall-kunsinna tal-posta itwal minn għaxart ijiem ma huwiex avveniment imprevedibbli, iżda jikkostitwixxi possibbiltà li tista' tirriżulta minkejja l-indikazzjonijiet tal-operaturi postali.
- 42 B'hekk, is-sempliċi dewmien fit-twassil tal-posta ma jistax jikkostitwixxi, mingħajr ċirkustanzi partikolari oħra, każ fortuwit jew każ ta' forza maġġuri li minnu l-appellant ma setgħetx tipproteġi ruħha (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-30 ta' Settembru 2014, Faktor B. i W. Għesina vs Il-Kummissjoni, C-138/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2256, punt 23).
- 43 Għall-istess raġunijiet, ma jistax jiġi dedott mill-punt 80 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-regoli tal-proċedura tal-Qorti Ġenerali li, meta d-dokument oriġinali li jkollu l-firma tar-rappreżentant ikun intbagħat mingħajr dewmien, immedjatamente wara l-komunikazzjoni tiegħu b'faks, kull wasla ta' dan id-dokument wara t-terminu ta' għaxart ijiem għandha titqies li taqa' taħt każ fortuwit jew ta' forza maġġuri. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet prattiċi, li jinkludu spjegazzjonijiet u pariri għall-partijiet, sabiex joqogħdu attenti għall-osservanza tat-termini, ma jistgħid, fi kwalunkwe każ, imorru kontra l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

- 44 Fir-rigward tal-eżistenza ta' allegata diskriminazzjoni li tirriżulta mill-ġurisprudenza marbuta mal-kunċett ta' "każ fortuwitu", il-Qorti tal-Ġustizzja qieset f'diversi okkażjonijiet li l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar it-termini proċedurali tista' tīgi dderogata biss f'ċirkustanzi kompletament eċċezzjonali ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, peress li l-applikazzjoni stretta ta' dawn ir-regoli tirrifletti r-rekwiżit ta' ċertezza legali u l-ħtieġa li tīgi evitata kull diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja (digriet tat-8 ta' Novembru 2007, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-242/07 P, EU:C:2007:672, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 45 Il-fatt li ma huwiex aċċettat li dewmien tas-servizzi postali jista' fih innifsu jikkostitwixxi każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri huwa regola applikabbi għall-partijiet kollha, indipendentement mill-post tar-residenza tagħhom jew mill-post li minnu jintbagħat id-dokument ikkonċernat. L-applikazzjoni ta' din ir-regola tippermetti li tīgi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju tal-partijiet, billi ebda waħda minnhom ma tkun iffavorita meta tinvoka u tiprova l-okkorrenza mhux mistennija ta' każ fortuwitu jew ta' każ ta' forza maġġuri.
- 46 Konsegwentement, l-ewwel żewġ aggravji għandhom jiġu miċħuda.

### ***Fuq it-tielet aggravju***

#### *L-argumenti tal-partijiet*

- 47 Permezz tat-tielet aggravju, RF tikkritika lill-Qorti Ġenerali li qieset b'mod żbaljat li hija ma kinitx stabbilixxiet l-eżistenza ta' każ fortuwitu, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u tikkritika f'dan ir-rigward il-konstatazzjoni li jinsabu fil-punt 26 tad-digriet appellat. Hija ssostni li huwa diffiċli li wieħed jimmäġina liema "miżuri addizzjonal" hija setgħet tieħu sabiex tevita dewmien fil-kunsinna tal-pakkett, sa fejn hija eżaminat it-tragħiż tal-kunsinna fl-ambitu tas-servizz ta' "Tracking", anki jekk, minn ċertu mument, hija tilfet il-kontroll sussegħenti tal-posta. Hija tqis li t-teżi tal-Qorti Ġenerali li hija seta' jkollha influwenza fuq it-terminu għall-kunsinna tal-posta hija manifestament infondata.
- 48 Il-Kummissjoni tqis li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, sa fejn l-appellant, mingħajr ma tallega żnaturament tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti Ġenerali, tikkontesta l-evalwazzjoni li din tal-aħħar għamlet tagħhom.

### *Il-kunsiderazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 49 Għandu jiġi kkonstatat li, fil-punt 26 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-appellant stess kienet indikat li hija kienet bagħtet il-pakkett li jinkludi l-origiinal iż-żifra tar-rikors b'posta rreġistrata bil-konferma tal-wasla tagħha, iż-żidha ma wriet li ħadet ebda pass ieħor. Fil-punt 27 tal-imsemmi digriet, il-Qorti Ġenerali rrilevat li RF ma kienet invokat ebda ċirkustanza partikolari, bħal nuqqas ta' funzjonament amministrattiv, diż-zastru naturali jew strajk. Fil-punt 28, hija kkonkludiet li l-appellant ma ġabix il-prova, imposta fuqha, li t-tul taż-żmien tat-twassil tal-posta kien il-kawża determinanti tad-dekadenza, fis-sens li dan kien avveniment ta' natura inevitabbi li minnu l-appellant ma setgħetx tipproteġi ruħha.
- 50 Issa, tali elementi jikkostitwixxu konstatazzjoni ta' fatt u evalwazzjoni ta' provi li ma huwiex il-kompli tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistħarreġ, mingħajr ħsara għall-każ ta' żnaturament ta' provi, li ma ġiex allegat f'dan il-każ. Fil-fatt, kif tfakkar fil-punt 30 ta' din is-sentenza, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell hija limitata għall-punti ta' dritt.

51 Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet fattwali, il-Qorti Ġeneral ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonkludiet, fil-punt 29 tad-digriet appellat, li l-appellanti ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri f'dan il-każ.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

### ***Fuq ir-raba' aggravju***

#### *L-argumenti tal-partijiet*

- 53 Permezz tar-raba' aggravju, RF tqis li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġeneral tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li d-dewmien tal-operatur postali li wassal għall-iskadenza tat-terminu tad-distanza ma jaqax taħt il-kunċett ta' "każ fortuwitu", tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 1, tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamental, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950. Hija ssostni li din l-interpretazzjoni twassal għal inugwaljanza fit-trattament skont il-post tad-domiċilju u, konsegwentement, hija diskriminatorja. Skont RF, ir-restrizzjoni li din tikkawża għad-drittijiet fundamentali inkwistjoni la hija indispensabbi u lanqas proporzjonata mal-ġhan intiż.
- 54 Il-Kummissjoni ssostni li r-raba' aggravju huwa inammissibbli, peress li dan huwa wisq vag, u, fi kwalunkwe każ, huwa infondat.

#### *Il-kunsiderazzjoni jiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 55 Għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li huwa llum espress fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jikkorrispondi fid-dritt tal-Unjoni għall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 56 Dan il-prinċipju, li jiżgura li kull persuna tingħata smiġħ xieraq, ma jipprekludix li jiġi previst terminu għall-preżentata ta' azzjoni legali (digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kummissjoni, C-73/10 P, EU:C:2010:684, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 57 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma huwiex affettwat bl-applikazzjoni stretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-termini tal-proċedura, li, skont ġurisprudenza stabbilita, tissodisfa r-rekwiżit ta' ċertezza legali u l-ħtieġa li tiġi evitata kull diskriminazzjoni jew kull trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja (digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kummissjoni, C-73/10 P, EU:C:2010:684, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 58 Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li deroga mill-imsemmija regola ma tistax tiġi ġġustifikata mill-fatt li huma involuti drittijiet fundamentali. Fil-fatt, ir-regoli dwar it-termini għall-preżentata ta' rikors huma ta' ordni pubbliku u għandhom jiġu applikati mill-qorti b'mod li tiġi żgurata c-ċertezza legali u l-ugwaljanza tal-partijiet quddiem il-liġi (digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kummissjoni, C-73/10 P, EU:C:2010:684, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 59 Fl-aħħar nett, kif jirriżulta wkoll mill-punt 45 ta' din is-sentenza, l-applikazzjoni tar-regola li tippovdi li dewmien tas-servizzi postali ma jistax waħdu jkun l-oriġini tal-eżistenza ta' każ fortuwit jew ta' forza maġġuri tippermetti li tiġi evitata kull diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju tal-partijiet, peress li ebda waħda minnhom ma għandha tiġi ffavorita meta din tinvoka u tiprova l-okkorrenza mhux mistennija ta' każ fortuwit jew ta' każ ta' forza maġġuri.
- 60 Minn dan isegwi li r-raba' aggravju huwa infondat.
- 61 Peress li ebda aggravju ma ntlaqa', hemm lok li dan l-appell jiġi miċħud.

### Fuq l-ispejjeż

- 62 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, il-parti li titlef għandha tbatil l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.
- 63 Peress li l-Kummissjoni talbet il-kundanna ta' RF għall-ispejjeż u din tal-aħħar tilfet, hemm lok li RF tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) It-talba sabiex jiġu ammessi provi ġodda hija miċħuda.**
- 2) L-appell huwa miċħud.**
- 3) RF hija kkundannata ssostni, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

Firem